A.L. 233 ta' 1-1997

ATT DWAR L-IMMIGRAZZJONI
(KAP. 217)

ORDINANZA DWAR ID-DRITTIJIET
(KAP. 35)

Regolamenti ta' 1-1997 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Immigrazzjoni (Drittijiet li jithallsu dwar Permessi għal Residenza u Liċenzi għal Impieg)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 36 ta' l-Att dwar l-Immigrazzjoni u bl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar id-Drittijiet, il-Prim Ministru għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1997 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Immigrazzjoni (Drittijiet li jithallsu dwar Permessi għal Residenza u Liċenzi għal Impieg), u għandhom jinqraw u jinftehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1993 dwar l-Immigrazzjoni (Drittijiet li jithallsu dwar Permessi għal Residenza u Liċenzi għal Impieg), hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". A.L. 15 ta' l-1993

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fl-1 ta' Jannar, 1998.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali

2. Minflok il-partiti 1, 3 u 4 tar-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:—

Ħwejjeġ li dwarhom jista' jinġabar dritt	*Dritt li jitħallas*
"1. (a) Ħruġ ta' permess għal residenza skond l-artikolu 7 ta' l-Att dwar l-Immigrazzjoni, Kap. 217	Lm50
(b) Ħruġ mill-ġdid ta' permess li jkun jinkludi fih lill-mara jew lir-raġel u/jew lil xi dipendenti	Lm30

(è) Hruġ ta' permess minflok il-permess oriġinali li jkun intilef jew inqered, jew biex jitnehha isem ta' persuna minn fuqu Lm10

3. Hruġ ta' liċenza ghal impieg skond l-artikolu 11(3) ta' l-Att dwar l-Immigrazzjoni, Kap. 217 —

(a) ghal sena wahda Lm15
(b) ghal sentejn Lm30
(ċ) ghal tlett snin Lm45
(d) ghal żmien indefinit Lm75

4. Tiġdid ta' liċenza ghal impieg skond l-artikolu 11(3) ta' l-Att dwar l-Immigrazzjoni, Kap. 217 —

(a) ghal sena wahda Lm15
(b) ghal sentejn Lm30
(ċ) ghal tlett snin Lm45
(d) ghal żmien indefinit ..... Lm75.".